

Taqisira għall-pubbliku

Meta tiegħu l-karozza f'pajjiż ieħor tal-Ewropa - inqas formalitajiet ta' reġistrazzjoni

L-UE qed tipproponi regoli aktar sempliċi għar-reġistrazzjoni tal-karozzi - kemm jekk tqatta' parti mis-sena f'pajjiż ieħor jew issuq karozza tal-kumpanija rreġistrata barra minn pajjiżek.

X'INHIL-KWISTJONI?

- Peress li aktar u aktar Ewropej qed jivvjaġġaw, jgħixu u jaħdmu barra, il-mistoqsija *Fejn għandi nirreġistra l-karozza?* saret aktar diffiċli.
- Il-gvernijiet nazzjonali mhux dejjem jagħmluha faċli. Jitolbu reġistrazzjoni mill-ġdid għal żjarat marbuta max-xogħol, jew proċeduri twal għal dawk li jmorru jgħixu f'pajjiż ieħor.

X'JINBIDEL EŻATTAMENT?

- **Il-formalitajiet** għar-reġistrazzjoni mill-ġdid ta' karozza f'pajjiż ieħor tal-UE **jitnaqqsu kemm jista' jkun**.
Bosta kontrolli jintesew kompletament. L-awtoritajiet jiksibu l-informazzjoni teknika li jeħtieġu direttament mill-kollegi tagħhom fil-pajjiż fejn il-karozza diġà tinsab irreġistrata.
- L-awtoritajiet ta' reġistrazzjoni jikkooperaw aktar flimkien biex ikun eħfef li jirrintraċċaw karozzi misruqa. Issir **impossibbli li wieħed jirreġistra karozza misruqa** f'pajjiż ieħor tal-UE.
- **IMPORTANTI** – din il-proposta ma tibdel xejn fejn jidħlu:
 - taxxi u reġistrazzjoni tal-vettura
 - il-vetturi li jiġu rreġistrati mill-ġdid fl-istess pajjiż tal-UE (pereżempju, wara li jinbiegħu).

MIN JIBBENIFIKA U KIF?

- Persuni li jixtru jew ibiegħu karozza użata f'pajjiż ieħor tal-UE ma jkollhomx iħabtu wiċċhom ma' kontrolli tekniċi addizzjonali u problemi amministrattivi.
- Persuni li jqattgħu **parti mis-sena f'vilegattura** f'pajjiż ieħor tal-UE ma jkollhomx joqgħodu jerġgħu jirreġistraw il-karozza tagħhom hemm.
- Persuni li **jemigraw** lejn pajjiż ieħor tal-UE ikollhom 6 xhur biex jirreġistraw il-karozza tagħhom mill-ġdid hemmhekk.
- Persuni li **jaħdmu f'pajjiż ieħor tal-UE** u jużaw karozza rreġistrata mill-kumpanija hemm ma jibqax ikollhom jirreġistrawha f'pajjiżhom.
- **Il-Kumpaniji tal-kiri tal-karozzi** – waqt il-vakanzi jkun jistgħu jittrasferixxu l-karozzi lejn pajjiż ieħor tal-UE mingħajr reġistrazzjoni mill-ġdid. Dan jista' jwassal għal tnaqqis fil-prezz tal-kiri ta' karozzi.

GĦALFEJN GĦANDHA TITTIHEW AZZJONI MILL-UE?

- Peress li din il-kwistjoni tinvolvi kooperazzjoni bejn pajjiżi differenti, tista' tiġi indirizzata biss fuq il-livell tal-UE.

META MISTENNIJA TIDĦOL FIS-SEĦĦ IL-PROPOSTA?

- 2014